Generated by Foxit PDF Creator © Foxit Software
http://www.foxitsoftware.com For evaluation only.

ŻEBBUĠ

Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## TILQIM TAL-INFLUWENZA

Ġejna mitluba mid-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ninfurmaw lir-residenti tagħna biex sa nhar il-Ġimgħa t-8 ta' Ottubru 2010 navżawh kemm għandna min hu nteressat jieħu din it-tilqima jew aħjar l-labra tal-influwenza. Għalhekk dawk ir-residenti li għandhom 'l fuq minn 55 sena u għalhekk jikkwalifikaw għal din it-tilqima sa **nhar il-Ħamis is-7 ta' Ottubru 2010 f' nofsinhar** jinkitbu jew iċemplu l-Kunsill fuq 21563056. Il-quddiem ninfurmawkom bl-arranġamenti li nagħmlu biex tingħatalkom din it-tilqima. Inħeġġu lir-residenti tagħna taż-Żebbuġ, Marsalforn, Qbajjar u Xwejni biex jagħmlu użu minn dan is-servizz li ta kull sena l-Kunsill joffri.

## HARĠA KULTURALI – GĦAWDEX

Waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn inġibdet l-attenzjoni li billi t-tluq għal din il-ħarġa huwa avżat li ser isir minn Pjazza l-Assunta kif ser jintlaqtu r-residenti ta' Marsalforn, Qbajjar u x-Xwejni. Kif sar f' okkażjonijiet oħra jrid jiġi ċċarat lil dawn ir-residenti li dejjem nipprovdu trasport skont il-ħtieġa li jkun hemm. Għalhekk filwaqt li nappellaw lir-residenti kollha tal-lokalita' biex jipparteċipaw f' din il-ħarġa li għandha tkun waħda nteressanti infakkru li din ser tkun nhar l-Erbgħa 20 ta' Ottubru 2010. Ser nibdew il-ġurnata billi niltaqgħu fi Pjazza l-Assunta fis-7.30 a.m. u nkomplu b' quddiesa li ser norganizzaw fil-Knisja ta' POMPEI r-Rabat li tkun għal ħabta tat-8.00 am. Dawk li ser jipparteċipaw mill-bajjiet tagħna jkunu jistgħu jingħaqdu mal-grupp fil-Knisja ta' Pompei. Ser nispiċċaw din il-ħarġa b' ikla flimkien ġo stabbiliment tal-ikel fix-Xlendi li għalija kull parteċipant ser iħallas 10 ewro. Fost postijiet li ser inżuru diġa stabbilejna li ser inżuru l-Mużew ta' Frenċ tal-Għarb, il-villaġġ tal-Artiġjanat ta' Dbieġi kif ukoll il-post tas-separazzjoni tal-iskart ġewwa tal-KUS fix-Xewkija. Ser ikollna programm mimli u nteressanti ħafna għall-parteċipanti u tajjeb infakkrukom li l-ktiba għal din il-ħarġa tista' ssir sa nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ottubru 2010 fil-Kunsill fejn irid isir il-ħlas. Din il-ħarġa hija miftuħa għal kull min hu interessat.

## XOGĦLIJIET TAL-KUNSILL

Bi pjaċir inħabbrulkom li l-L.A. (letter of acceptance) tal-Water Services Corporation għat- toroq TAĊ-ĊNUS u TAL-KONTI issa ħarġu u kull ma fadal huwa biss biex il-kuntrattur iwettaq dawn ix-xogħlijiet. Nisperaw u nittamaw li dawn ix-xogħlijiet jiġu konklużi fl-iqsar żmien possibbli għax ilna sejrin bihom mhux ħażin pero' kif jgħid il-Malti aħjar TARD milli QATT. Niskużaw ruħna mar-residenti ta' dawn it-toroq sa ma jkunu lesti dawn ix-xogħlijiet. Din il-ġimgħa ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll tal-I.P.S.L. irranġaw is-sodda ta' fejn ser tiġi nstallata l-*PLAY HOUSE* li xtrajna għal *playing field* li għandna ħdejn l-iskola. Il-quddiem ser ninstallaw din il-*play house* biex it-tfal tal-lokalita' tagħna jkunu jistgħu jibdew jużawha.

## INĦARSU L-AMBJENT

Kif ħabbarnilkom fl-aħħar sett ta' Avviżi minn nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Ottubru 2010 ser immorru għall-iskema ta' ġbir tal-iskart domestiku tax-xitwa. Fil-kuntratt il-ġdid li l-quddiem ser nibdew inħaddmu l-ġbir tal-iskart domestiku mhux ser jibqa' jkun kuljum. Irridu nżidu l-ġbir tal-iskart SEPARAT. Irid kulħadd jifhem li qegħdin inħallsu flus kbar biex niddepożitaw l-iskart tagħna fil-Land Field. Jekk nisseparaw, barra li nkunu qiegħdin nibżgħu għall-ambjent inkunu qiegħdin ngħinu lill-Kunsill jiffranka l-flus u dawn ikunu jistgħu jiġu wżati fuq proġetti oħrajn fil-lokalita' tagħna. Dan is-sajf kellna s-servizz tal-ECO WARDEN li l-quddiem ser ikun wieħed permanenti s-sena kollha. Jekk kulħadd jagħmel il-parti tiegħu l-affarijiet għandhom imorru ħafna aħjar. Min itellef jew jabbuża mis-sistema ser jibqa', pero' għal dan għandna u ser ikollna l-mezzi biex nirrimedjaw. Tajjeb infakkru li l-ġbir tal-iskar domestiku sa ma joħroġ avviż ieħor ser jibqa' jsir mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 p.m. l-quddiem u nhar ta' Sibt mis-1.30 p.m. il-quddiem. Nhar ta' Tnejn filgħodu jibda jsir il-ġbir tal-borża tas-separat, il-borża l-griża. Infakkru li min ikollu kwalunkwe tip ta' skart GOFF jista' jagħmel użu mis-servizz li hemm tal-KUS fix-Xewkija l-ġewwa mill-*heliport*. Dan ikun miftuħ bejn is-7.30 a.m. u l-5.30 p.m. kuljum il-ġimgħa kollha nkluż is-Sibt u l-Ħadd.

**Kunsill Lokali taż-Żebbuġ**
Carmelo Saliba - Sindku
Joe Bajada – Deputat Sindku
Kunsilliera – Harry Debono, Joseph Camilleri
Victor Refalo

**Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
Maria Saliba - Chairperson
Emmanuel Debono – Viċi Chairperson
Membri tal-Kumitat – Carmen Camilleri,
George Sacco, Joseph Zammit

**Il-Ħamis, 30 ta' Settembru 2010** **Nru. 16/2010**